KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tal-laqgħa Numru 36 tat-tmien leġislatura, laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju 2015, fis-1.00 ta' wara nofsinhar.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Marija Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur taż-żgħażagħ: | Is-Sur Eric Gauci (kienet skużat) |

Il-laqgħa bdiet fis-1.00 p.m. wara li ntqalet it-talba tal-bidu mis-Sindku.

Is-Sindku qal li din il-laqgħa ssejħet b'urġenza biex jiġi diskuss ir-rapport mill-Bord tal-aġġudikazzjoni ta' Tender 02/2015 (M313 – 2nd Call) dwar Provista u nstallazzjoni ta' għamara fi Pjazzetta tax-Xelina f' Ta' Sannat (f'lottijiet). Dan il-bord kien kompost mill-membri l-Avv. Larry Formosa, il-Perit Brian Curmi, il-Perit Gordon Vella, Is-Sindku u Project Leader Philip Vella u s-Segretarju Eżekuttiv Jason Curmi

Is-Segretarju Eżekuttiv qara dan ir-rapport fejn irriżulta li kien hemm 3 offerenti.

- C. Fino and Sons Ltd.
- Xerri's Garden Centre
- Dimech Enterprises Ltd.

C. Fino and Sons kien skwalifikat peress li ma għamilx bid-bond ma l-offerta. Ġie nnotat ukoll li kemm C. Fino and Sons Ltd. u Dimech Enterprises Ltd. ma għamlux 3 kopji mali-offerta mitfugħa kif mitlub fl-ispeċifikazzjoni tal-offerta.

Lot 1 – Heritage interpratational panels, bankijiet, bollards u reċipjenti tal-iskart

Il-bord qal li sab li kien hemm 2 offerti li kienu ta' Xerri's Garden Centre b'żewġ opinjonijiet. Opinjoni A kienet bl-amont ta' €4801.00c u Opinjoni B bl-amont ta'€8510.00c u dik ta' Dimech Enterprises Ltd. bl-amont ta' €4962.00c. Il-bord irrakomanda li l-Kunsill jmur għall-irħas waħda, dik ta' Xerri's Garden Centre – Opinjoni A għal prezz ta' €4801.00c. Il-Kunsill qabel ma dan.

Lot 2 – Fanali u sistema tad-dawl

Il-bord qal li sab 2 offerti li kienu ta' Xerri's Garden Centre għal prezz ta' €11950.00c u dik ta' Dimech Enterprises Ltd. għal prezz ta' €6948.00c. Mill- aġġudikazzjoni tal-bord ħareġ li ż-żewġ offerti, offrew fanali mhux tat-tip modern kif kien speċifikat fid-dokument tal-offerta. Għalhekk huma ssuġġerew lill-Kunsill li din għandha terġa toħroġ. Il-Kunsill qabel ma dan u ser jitlob lill-GAGF u lill-Paving Agency sabiex jestendu ż-zmien għal finalizazzjoni tal-proġett.

Lot 3 – Qsari
Il-bord qal li sab offerta waħda li kienet ta' Xerri's Garden Centre b'żewġ opinjonijiet. Opinjoni A għall-prezz ta' €4546.00c u Opinjoni B għal prezz ta' €5711.00c. Il-bord irrakomanda l-irħas opinjoni – Opinjoni A għal prezz ta €4546.00c. Il-Kunsill qabel ma din l-offerta.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fi Triq Dun Xand Aquilina, l-W.S.C. għaddew main ieħor tal-ilma fuq il-ġenb l-ieħor tat-triq għalhekk il-Kunsill se jibbenefika minn aktar tarmak fi Triq Dun Xand. Il-Kunsillieri staqsew meta se jibda jitwaħħal l-lava fil-pjazzetta u fuq il-bankini . Is-Sindku wieġeb li hu nfurmat li dan ix-xogħol ser jibda mill-aktar fis. Il-Sindku nforma lill-Kunsill li hu jixtieq li ssir l-arma ta' Kunsill fin-nofs tal-Pjazzetta tax-Xelina. Il-Kunsill qabel ma dan u għandħa toħroġ kwotazzjoni għal din l-Arma.

Il-laqgħa spiċċat f' 1.20 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**